BERNARD MICALLEF

# IL-KORRISPONDENZA BEJN ASPETTI FORMALI U SENS FL-EWWEL STROFA TA' *PELLEGRIN DISTRATT*

Meta wieħed jagħraf aspetti stilistiċi ta' poeżija, ikun jonqsu pass ieħor: irid joħroġ b'mudell ta' korrispondenza bejn stil u tifsir. B'dal-mod japprezza l-effett poetiku sħiħ.

Iżda dil-korrispondenza tista' tkun oriġinali daqskemm tista' tkun klassika. Minħabba li l-koeżistenza tal-ħsieb u ta' l-istil tista' sseħħ f'mudelli li huma kompletament ġodda, ġieli f'mudelli ta' inkongruwenza bħalma jiġri fil-parodija, il-poeta għandu f'idejh għażla kif u sa fejn jibni dil-korrispondenza. L-eżempju magħżul, l-ewwel strofa tal-poeżija *Pellegrin distratt* ta' Oliver Friggieri, iservi biex jiġu analizzati aspetti ta' l-effett reċiproku bejn forma u kontenut, kif ukoll biex jingħarfu xi diffikultajiet li l-kritiku jiltaqa' magħhom meta jimxi fuq il-prinċipju li l-istil jirrifletti l-ħsieb.

L-ewwel diffikultà tista' tissemma mingħajr referenza għat-test, jew qabel din ir-referenza, biex il-qarrej jagħraf problematika ewlenija ta' dan is-suġġett: kif tista' tgħid li stil partikulari jirrifletti ħsieb aktar minn stili oħrajn? Parti mit-tweġiba tinstab fin-natura umana. B'mod naturali l-bniedem jibki quddiem traġedja u jidħak fis-suċċessi tiegħu. Iżda hawn diġà għandna l-possibbiltà ta' taħlita għax l-individwu jista' jidħak bit-traġedja ta' ħaddieħor, jew jista' jippreżentaha fi stil komiku. L-ironija, bħala eżempju ieħor, ħafna drabi tinħoloq b'inkongruwenza bejn ton u kliem.

Minn eżempji bikrija bħal dawn hu evidenti li meta jingħad li l-forma tirrifletti l-ħsieb, il-kumment jinkludi fih varjetà sħiħa ta' mudelli ta' riflessjoni. Barra minn hekk, fil-letteratura ta' dan is-seklu l-mod kif stil jirrifletti l-ħsieb sar aktar vag, ambigwu u indirett. L-eżempju magħruf għal dan hu l-każ ta' George Orwell meta ġie biex jippubblika *Animal Farm* u qalulu li l-istejjer dwar l-annimali ma jimxux. Eżempji minn oqsma oħra ta' l-arti (iżda li xorta jixhdu l-astrazzjoni tal-forma f'dan is-seklu) isemmihom Cyril Barrett fil-konferenza *Are Bad Works of Art "Works of Art"?*[1] Barrett jirrakkonta: "Brancusi's *Bird in Flight* was refused entry into the United States as a work of art on the grounds that it bore no resemblance to a bird. 'What hunter', one official asked, 'would want to shoot a bird like that?' An expert had to be called in to assure the officials that, despite appearances, it was indeed a work of art. It is said that William Scott managed to get his semi-abstract pictures admitted into Ireland duty-free on the grounds that they were unfinished works of art—hardly even begun, as the customs man remarked."[2]

Forsi wieħed ma għandux jippretendi li għal kull ħsieb hemm arranġament ta' ritmu, ta' figuri ta' taħdit, u ta' aspetti oħra stilistiċi, li hu lest u li hu l-aħjar forma. Din il-viżjoni sempliċi tista' tiġi mmodifikata; l-istil mhux applikazzjoni ta' teknika

1. Il-konferenza tinstab f'Cyril Barrett et.al., *Royal Institute of Philosophy Lectures—Philosophy and the Arts*, London, The Macmillan Press, 1973, Vol. 6, pp. 183—193.
2. Ibid., p. 186.

lesta li nġiebet minn dizzjunarju tal-poetika, jew li l-poeta sab mit-tradizzjoni. Hu reazzjoni formali u kreattiva għall-ħsieb jew għaċ-ċirkustanza, u għalhekk jippermetti l-oriġinalità tal-poeta fuq natura umana bażika. Wara kollox poeta jvarja mill-bniedem komuni għax jorqom u jelabora l-korrispondenza komuni bejn stil u kontenut. Iżda mill-banda l-oħra, irid ikun hemm xi aspetti komuni u bażiċi, remoti kemm huma, bejn forma u kontenut.

Il-poeta jrid jitbiegħed mill-komuni, iżda fl-istess waqt irid iżomm xi bażi ta' xebh stilistiku-kontenutistiku li ġej min-natura umana, u li lill-qarrej jgħarrfu li l-istil quddiemu hu validu u rilevanti għat-tifsira. Hawn qegħdin nevitaw konklużjonijiet assoluti bħall-idea li l-forma hi l-kontenut, jew l-idea li l-forma hi kompletament arbitrarja; jew għallinqas qegħdin nelaboraw dawn il-konklużjonijiet opposti biex naraw fejn imissu ma' xulxin.

Din hi l-ewwel strofa ta' *Pellegrin distratt:*

Hemm ward li ma jiftaħx, hemm frott li jinxef
sigħat qabel jinqata', hemm qamħ li jaqa'
lejlet il-ħsad, hemm lejl qiegħed jistenna
żerniq ta' xemx li niżlet qabel telgħet.
Int xemgħa li ma xgħeltx, int poeżija
miktuba għalxejn, int kelma f'dizzjunarju
ta' lingwa mhux magħrufa, katakombi
li fik ma jirfes ħadd, int knisja vojta,
għasfur bla kant, munita falza – int ibni.

L-endekasillabu hu l-vers stabbilit tat-ton serju. Il-qbil ovvju bejnu u bejn is-sens traġiku jista' jaljena lill-qarrej minn aspetti oħra stilistiċi li jimmodifikaw dan l-effett. Wieħed minn dawn l-aspetti hu d-dħul f'xulxin tar-ritmu tal-vers u r-ritmu maħluq bil-perijodu jew biċ-ċesura.[3] Il-qarrej jingħata l-impressjoni, permezz ta' l-endekasillabu, li se jkollu qies regulari, iżda f'dan il-qies stess pawsi oħrajn, permezz tal-waqfiet immarkati bil-koma, jissuġġerixxu l-irregulari fir-regulari. Il-pawsa wara l-vers tal-ħdax hija ppreċeduta minn pawsi li jifirdu l-ewwel perijodu f'erba' taqsimiet li għandhom is-sens u l-forma kompluti tas-sentenza:

Hemm ward li ma jiftaħx,| hemm frott li jinxef,||
sigħat qabel jinqata',| hemm qamħ li jaqa'||
lejlet il-ħsad,| hemm lejl qiegħed jistenna||
żerniq ta' xemx li niżlet qabel telgħet.||

Minħabba li s-sens hu komplut mal-koma, il-punteġġjatura tispikka u huwa diffiċli li l-qarrej ma jeqafx wara l-kliem "(ma) jiftaħx", "jinqata'", u "ħsad". Issa wieħed jirrealizza wkoll li s-sens ta' dawn it-termini hu assoċjat ma' telfa billi jelabora l-istess kuntest veġetali. Parzjalment, hija r-ripetizzjoni ta' l-istess mudell sintattiku li jibda bl-avverbju b'funzjoni verbali (i.e. "Hemm"), ikompli b'nom u

3. Għal dettal shiħ fuq kif dawn ir-ritmi jidħlu f'xulxin permezz taċ-ċesura ara J.F. Genung, *The Working Principles of Rhetoric,* Boston, Ginn and Company, 1900, pp. 202–204.



bi pronom, u jispiċċa fin-negattiv jew f'tifsira ta' falliment, li tassigura l-istess tmiem qabel kull pawsa. Is-sens innifsu ta' kull qies sintattiku hu ta' element sabiħ jew bnin ("ward", "frott" u "qamħ") li ftit qabel jiġi rrealizzat (__, "sigħat qabel", "lejlet") jispiċċa. Ir-raba' qies sintattiku ("hemm lejl qiegħed jistenna/żerniq ta' xemx li niżlet qabel telgħet") hu aktar elaborat iżda għandu l-istess żvilupp ta' sens. Fl-ewwel qies sintattiku t-terminu li jissuġġerixxi l-imminenza tar-realizzazzjoni hu nieqes, iżda s-sens ġenerali ta' ward li ma jiftaħx xorta jissuġġerixxi viċinanza bejn l-element magħżul u l-maturità tiegħu (i.e. il-ftuħ tal-ward).

Is-sens f'qies sintattiku wieħed u komplut hu rripetut erba' darbiet. Il-proċess jirriżulta f'enfasi fuq l-esperjenza ta' ħwejjeġ sbieħ u pożittivi li fl-aħħar ftit, qabel iseħħu, jintemmu. Il-versi fl-endekasillabu jġiegħlu lill-qarrej jistenna t-tmiem regulari fl-aħħar tal-vers, iżda qabel dil-maturità metrika, jiffrustraw il-qies b'waqfiet ippronunzjati permezz ta' sens komplut. L-assoċjazzjoni li qed tiġi ppreżentata mhix faċli. L-ewwelnett wieħed jirrealizza li ma hemmx biss stil li qiegħed jappoġġja s-sens, għax is-sens innifsu qiegħed jiddetermina l-qawwa tal-pawsi f'nofs il-versi. Hu faċli tgħid li fil-poeżija s-sens ta' element li jispiċċa f'salt, u qabel jiġi rrealizzat, hu rifless fi stil li jwaqqaf lill-qarrej qabel it-tmiem, jew ir-ritmu, tal-vers. Hu aktar diffiċli biex tiċċara kif l-istil innifsu hu ppronunzjat bis-sens komplut u bir-ripetizzjoni tas-sens li jirrifletti. Mistoqsija interessanti hi din: huwa l-istil li jgħin lis-sens f'dan l-eżempju, jew is-sens li jgħin (jippronunzja aktar) lill-istil? Mistoqsija aktar ribelluża għat-tradizzjoni hi: is-sens jista' jirrifletti l-istil?

It-tieni mistoqsija ġġegħilna niffukaw fuq il-kelma "tirrifletti". Fiha nnifisha l-kelma ma tagħtix prerogattiva lil sens jew lil stil. Iżda forsi minħabba li aħna nqisu li r-riflessjoni hija inqas awtentika minn dak li hu rifless, nippreferu nagħżlu l-istil bħala r-riflessjoni, u s-sens bħala l-element rifless. Din id-distinzjoni tpoġġi s-sens u l-istil f'sekwenza: l-istil isegwi s-sens. Iżda d-distinzjoni hi miċħuda fl-eżempju ta' fuq li jisfuma f'xulxin l-effetti ta' stil u ta' sens b'mod li l-appoġġ tagħhom hu reċiproku. Fil-poeżija, is-sens komplut tal-klawsoli jgħin lill-pawsi daqskemm iċ-ċesura tqawwi s-sens ta' xi ħaġa mitmuma qabel il-waqt. Waqt li fil-prattika aħna nagħtu preċedenza lis-sens, minħabba ċ-ċarezza li titlob id-dinja effiċjenti ta' kuljum, il-poeżija ta' Friggieri mhix tippreġudika favur sens jew stil. Forsi t-terminu "tirrifletti" fih il-problemi tiegħu għax hu terminu li ġej mid-dinja xjentifika tal-kritiku, u diġà għandu preferenza għas-sens minħabba l-użu tiegħu f'dinja li titlob ċarezza daqs tifsira. Il-poeżija, kif jaf kulħadd, kapaċi tissagrifika ċ-ċarezza biex tqawwi t-tifsira. B'riżultat, is-sens fil-poeżija jista' jintuża biex iqawwi l-istil.

Wieħed għandu mnejn jasal jgħid li s-sens jirrifletti l-istil għax aspett stilistiku bħar-ritmu hu aktar primittiv mis-sens ċar. Dan l-argument jista' jiġi elaborat hekk: il-bniedem iġarrab, fi traġedja, forza espressiva li trid, b'xi mod, tirrappreżenta t-traġiku. U l-aktar forom immedjati, iżda mhux ċari, huma l-għajta jew it-twerżiqa, li fil-volum jippruvaw jidwu l-gravità tas-sitwazzjoni jew taċ-ċirkustanza. Ħwejjeġ

bħall-volum u t-tul ta' l-għajta ġew qabel is-sens ċar għax jikkostitwixxu l-għajta insensibbli. Is-sens ċar, fil-fatt, jiġi wara meta l-individwu jirrakkonta l-avveniment traġiku. Iċ-ċarezza, f'dal każ, telabora espressjoni li hija aktar stilistika milli sensibbli għax hi aktar primittiva.

Iżda fil-każ tal-poeżija ta' Friggieri ma għandniex ritmu, jew element primittiv, segwit bis-sens. Għandna, minflok, id-dħul f'xulxin, u l-interdipendenza, ta' ritmu u ta' sens. Fuq kollox, jifdal il-problema bażika dwar xi jfissru termini bħal "tirrifletti", "tirrappreżenta" u "tgħin", li spiss jintużaw biex jindikaw il-korrispondenza bejn forma u sens. Fuq liema bażi naslu nikkonkludu li stil partikulari u sens partikulari għandhom riflessjoni bejniethom, jew jgħinu lil xulxin? Diġà għidna li biex ngħidu hekk irid ikun hemm xi bażi ta' xebh bejn stil u sens, iżda dan ix-xebh kif inhu kkonfermat u liema forma jieħu? Dan jista' jiġi ttrattat permezz ta' analiżi tat-tieni parti ta' l-ewwel strofa:

Int xemgħa li ma xgħeltx,| int poeżija||
miktuba għalxejn,| int kelma f'dizzjunarju||
ta' lingwa mhux magħrufa,| katakombi||
li fik ma jirfes ħadd,| int knisja vojta,||
għasfur bla kant,| munita falza –| int ibni.||

F'dal-każ ir-ripetizzjoni tas-sens ta' element inutli u l-pawsi f'nofs il-vers u fit-tmiem tiegħu, huma mill-ġdid kolligazzjoni ta' sens u stil. Waqt li l-pawsa f'nofs il-vers timmarka sens komplut, u hija enfasizzata permezz tiegħu, il-qarrej hu konxju tal-pawsa fi tmiem il-vers regulari. Is-sens komplut f'parti mill-vers iwaqqaf il-qari, iżda l-pawsa wara l-vers regulari twaqqaf is-sens ta' qies sintattiku ieħor:




Minn din id-dijagramma wieħed jirrealizza li Friggieri qiegħed juża żewġ qisien ritmiċi li jidħlu f'xulxin b'mod li kull wieħed minnhom jaqsam l-ieħor min-nofs. Waqt li l-qarrej jifhem, b'ripetizzjoni, is-sens ta' element inutli, il-poeżija nnifisha toffri qari li jħassar sens u ritmu regulari billi jdaħħalhom f'xulxin b'intervalli differenti. L-effetti huma ta' sens li jwaqqaf ir-ritmu tal-vers sħiħ, u ta' ritmu li jwaqqaf is-sens ta' qies sintattiku. Fi kliem aktar tekniku: is-sens joħloq ċesura fil-qies tal-vers, il-vers joħloq pawsa f'sens li bl-enjambment irid ikompli.

F'dan kollu fejn hi r-riflessjoni bejn sens u stil? Biex noqorbu lejn tweġiba, aktar milli nagħtu waħda, jeħtieġ nirriduċu kemm is-sens kif ukoll l-istil għal element aktar bażiku: iċ-ċirkustanza. Minkejja r-radikaliżmu tat-teorija post-strutturalista,



ħassieba bħal Jacques Derrida u Jacques Lacan ikkonsolidaw idea li żgur kienet teżisti qabilhom.[4] Din hija l-idea li aħna nirreaġixxu għall-verità (jew għal sitwazzjoni li ninsabu fiha) aktar milli nippreżentawha.[5] B'mod ġenerali jista' jingħad li d-diferiment tas-sens fid-dikostruzzjoni u l-posponiment tal-veru fit-teorija ta' Lacan huma perspettivi ġodda fuq fatt indiskutibbli: il-fatt li l-bniedem, bħala reazzjoni għal "eżistenza (li) tiġi qabel l-essenza", hu espressjoni immedjata li tirreferi għal realtà 'l hinn mill-kliem.[6] Il-bniedem hu reazzjoni espressiva li parti minnha hi sens inkomplet, waqt li partijiet oħrajn jakkumpanjawh. Dawn il-partijiet huma aspetti stilistiċi. Ejja nqisu li aspett bħar-ritmu jista' jkun aktar immedjat mis-sens minħabba li jakkumpanja l-espressjoni b'mod sħiħ, qabel ma l-argument (tas-sintassi, tal-paragrafu jew tat-test) hu bilfors komplut. F'każijiet bħal dawn, ir-ritmu xorta waħda jinħoloq miċ-ċirkustanza li aktar tard is-sens jirrappreżenta b'mod loġiku, iżda mhux konklużiv. Anki jekk is-sens hu ppreżentat bħala konklużiv, ir-ritmu jista' jkun aspett (tar-reazzjoni għaċ-ċirkustanza) li hu komplut qabel is-sens.

Fil-każ ta' l-eżempju minn Friggieri, ejja nimmaġinaw bniedem li jrid jirreaġixxi għaċ-ċirkustanza paradossali ta' tifel "li miet qabel twieled" b'dawn il-modi, fost oħrajn: (1) biki – li diġà hu waqfien (permezz ta' skossi naturali) fin-nifs; (2) ħsebijiet qosra – ħafna drabi fit-turment imsemmi l-bniedem ma jkollux ħila jgħid ħsebijiet irraġunati u twal; (3) ritmu li jaqbel mal-biki u ma' ħsebijiet qosra; (4) il-bżonn uman għal sens elaborat u rraġunat li bih jaqbad x'ġara u jirrappreżentah f'ordni loġiku; (5) ir-ritmu aktar lajman ta' l-espressjoni ta' dan is-sens f'numru 4. L-inkongruwenza bejn uħud minn dawn ir-reazzjonijiet tixhed l-ironija ġenerali ta' ħlejqa li trid issib sens f'dinja kontinġenti, u li trid torganizza sens fost reazzjonijiet oħra tagħha. Forsi aktar jista' jingħad, dwar l-eżempju meħud mill-poeżija ta' Friggieri, li sens u stil it-tnejn jirriflettu l-bżonn li t-traġiku l-paradossali jiġu espressi, jew jinħakmu bil-kliem u b'xi ordni li jirrappreżentawhom, milli li sens u stil sempliċiment jirriflettu lil xulxin. Huwa evidenti li direzzjonijiet opposti (bħall-biki u l-ispjegazzjoni fi kliem luċidu) fl-espressjoni ta' bniedem li sofra traġedja, jisfaw aktar f'inkompatibilità bejn ritmu wieħed (tal-biki) u s-sens.

4. B'mod ġenerali l-post-strutturaliżmu jifred il-letteratura minn funzjoni ta' rappreżentazzjoni, u jsib kuntradizzjonijiet fit-test li jħottu t-tifsira u l-istruttura apparentement fissi tiegħu. Għall-iżvilupp mit-teorija strutturalista għal dik post-strutturalista ara A. Jefferson u D. Robey, (edi.), *Modern Literary Theory – A Comparative Introduction*, London, B.T. Batsford Ltd., 1982, pp. 92–121.

5. Ara l-interpretazzjoni magħrufa li Lacan jagħmel ta' l-istorja ta' Edgar Allan Poe, *The Purloined Letter*, biex juri li l-veru qatt ma hu ppreżentat. Ibid., pp. 154–159.

6. Il-kumment magħruf ta' Sartre jirrappreżenta epoka li hi xettika dwar kemm hemm essenza fiha nnifisha li tista' tiġi ppreżentata fi ħsieb mistqarr. Għall-kuntest li fih jingħad il-kumment ara S.E. Stumpf, *Philosophy–History and Problems*, New York, McGraw–Hill, Inc., 1994, pp. 511–517.

Fil-poeżija l-verità li ma tintlaħaqx bi kliem ċar hi l-avveniment paradossali ta' "tifel li miet qabel twieled". Il-paradoss jisfa fi strofa li ma tistax tgħaqqdu f'sens (għalhekk il-kuntrast rikorrenti bejn element u n-nuqqas ta' realizzazzjoni tiegħu jew tal-funzjoni tiegħu), daqskemm ma tistax tissinkronizza r-ritmu tas-sintassi u r-ritmu tal-vers. Jista' jingħad li l-endekasillabu jimplika l-bżonn ta' sens elaborat, waqt li r-ritmu sintattiku jindika reazzjoni aktar emottiva (biki?). F'dal-każ il-waqfiet f'nofs il-versi huma paralleli għall-waqfiet fin-nifs ta' bniedem li ġie maħsud b'avveniment, waqt li xorta qiegħed jipprova jgħaqqad sens sħiħ u elaborat għalih. Dawn il-kummenti huma megħjuna mir-ripetizzjoni ta' metafori li jidentifikaw lill-iben ma' element u man-nuqqas tal-funzjoni tiegħu f'salt. L-istrofa tiffrustra r-regolarità fil-qies tal-vers tal-ħdax bħalma tiffrustra l-mistennija tagħna ta' element fis-sħuħija tiegħu. Forsi l-aktar eżempju ovvju ta' qrubija bejn l-effett stilistiku tal-vers, il-metafora u s-sens hu: "...int poeżija/miktuba għalxejn."

L-identifikazzjoni metaforika tat-tifel mal-poeżija sseħħ f'vers li bil-pawsa jwaqqaf is-sekwenza. Il-waqfa qasira wara "poeżija" tħalli l-identifikazzjoni sseħħ qabel ma tneħħi l-valur tal-poeżija. B'dal-mod il-vers jaqsam sens li hu komplut, il-metafora tiddefinixxi l-iben b'definizzjoni nieqsa jew li teskludi l-essenzjali, u s-sens hu ta' element li jfalli qabel ma jwettaq eżistenza u funzjoni li hu maħluq għalihom.

X'inhu, f'nifs maqtugħ fin-nofs, li jirrifletti s-sens ta' "tifel li miet qabel twieled?" Din hi mistoqsija diffiċli li tlaqqagħna ma' problemi epistemoloġiċi dwar ir-rappreżentazzjoni: in-nifs, bħala arja dieħla u ħierġa, ma għandux forma li tirrappreżenta l-avvenimenti. Iżda l-qbil bejn diżordni partikulari fin-nifs, u diżordni fil-mod kif nistennew li jseħħ twelid; flimkien mal-fatt li kemm in-nifs maqtugħ kif ukoll l-espressjoni paradossali "tifel li miet qabel twieled" huma reazzjonijiet li jissieħbu quddiem it-traġedja, huma indiskutibbli.